Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# L-UFFIĊJAL PRINĊIPALI TA' L-IMMIGRAZZJONI (SPETTUR FRANKIE SAMMUT) VS ABDALLAHA MOHAMMOUD

(FALSIFIKAZZJONI TA' PASSAPORT – KAP. 61, ART. 5 – FALSIFIKAZZJONI U UZU TA' DOKUMENTI FFALSIFIKATI – KAP. 9, ART. 189 – FALSIFIKAZZJONI TA' DOKUMENT MEĦTIEĠ TAHT L-ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI – KAP. 217, ART. 32(1)(F))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta' Awwissu 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-akkużi maħruġa kontra Abdallah Mohammoud, ta' 24 il-sena, ta' nazzjonalità Sudaniża, iben Abdallah u Fatima, residenti Ħal Far Tent Village detentur tan-numru tal-Pulizija 19T-062, imwieled Darfur, Sudan nhar is-27 ta' Settembru 1995 ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Frankie Sammut
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Joseph Brincat,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-Imputat bis-segwenti akkużi:

    a. talli fit-28 t' Awissu 2020 u/jew fil-ġranet ta' qabel f' Malta iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f' passaport jew dokument, jew uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi passaport jew dokument, li hu kien taf li ġew iffalsifikati, mibdula jew li sar xi tibdil fihom (Kap 61, Art. 5 tal-Liġijiet ta' Malta), u

b. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokument fuq imsemmi (Kap 9, Art. 189 tal-Liġijiet ta' Malta).

c. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Art. 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta).

2. Inżammet seduta fit-28 ta' Awwissu 2020.

3. Matul din is-seduta l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontrih u kkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti tagħtu żmien xieraq biex jerġa lura minnha.

4. Dan il-każ jikkonċerna l-użu ta' passaport Taljan li rriżulta li kien iffalsifikat wara analiżi li saret mill-*Malta Police Forensic Science Laboratory*.

**L-artikoli applikabbli tal-liġi**

***L-Ordinanza dwar il-Passaporti (Kap 61 tal-Liġijiet ta' Malta)***

5. L-Artikolu 5 tal-Ordinanza dwar il-Passaporti jipprovdi kif ġej:

'5.Kull min jiffalsifika, ibiddel, jew jagħmel xi tibdil f'passaport jew juża jew ikollu għandu passaport li huwa jaf li ġie iffalsifikat, mibdul jew li sar tibdil fih, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sitt xhur sa sentejn.'

***Il-Kodiċi Kriminali (Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta)***

6. L-Artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi kif ġej:

'189. Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.'

***L-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta)***

7. L-Artikolu 32(1)(f) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni jgħid hekk:

'32. (1) Kull persuna li … (f) mingħajr awtorità leġittima tuża jew ikollha fil-pussess tagħha xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta'dan l-Att li jkun falsifikat ...

tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra'

**Kunsiderazzjoni tal-Qorti dwar il-piena**

8. Fir-rigward tal-piena l-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati li kkommetta l-imputat kif ukoll il-fatt illi l-imputat irreġistra ammissjoni bikrija.

**Deċiżjoni**

9. **Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ssib l-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontrih taħt l-Artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(f) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal sitt (6) xhur priġunerija li minnhom għandhom jitnaqqsu però kwalunkwe perjodu ta' żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv b'rabta ma' dan il-każ.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur